MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2009

Rikors Numru. 23/2003/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Vella Brothers Limited**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju ta' l-Art li jghid:

Illi s-socjeta intimata giet notifikata b'Avviz ghall-Ftehim datat 13 ta' Frar 2003 fejn kienet infurmata li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'Hal Qormi tal-kejl ta' madwar 175 metri kwadri li tmiss mill-Grigal u mill-Majjistral ma' proprjeta tal-Gvern u mix-Xlokk ma' proprjeta' ta' Emmanuel Vella and Sons huwa ta' sebat elef u hames mit lira Maltin (Lm7,500) kif jidher mir-rapport tal-Perit Carmen V. Sutton A.&C.E. tat-3 ta' Novembru 2002 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tal-5 ta' Marzu, 2003 s-socjeta intimata fost affarijiet ohra tiddikjara li ma taccettax il-kumpens offert.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat biex jittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)."

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi permezz ta' ittra ufficjali risponsiva s-socjeta' intimata kienet oggezjonat ghall-ammont ta' kumpens offert stante li dan m'ghandux jitqies bhala kumpens xieraq;

Illi l-perit arkitett tas-socjeta' intimata xehed illi mil-kalkoli li ghamel hu, l-art ghandha valur ta' Lm18,800;

Illi l-Bord kien assistit fuq din il-materja mill-perit arkitett Joseph M. Jaccarini u l-perit arkitett Renato La Ferla li fuq relazzjoni tal-istess, esebita u formanti parti minn din is-sentenza, ikkonkludew bil-mod segwenti:

Il-Periti Teknici Membri tal-Bord wara li hadu nkosiderazzjoni l-fatturi kollha relevanti, fosthom ir-raguni li biha l-art espropprijata mill-Gvern ghall-skopijiet pubblici, waslu ghall-valutazzjoni taghha, fis-somma ta' seba u erbghin elf, mitejn u hamsin liri ta' Malta (Lm47,250.00)

Illi la darba l-perit membri tal-Bord huma unanimi fil-valutazzjoni taghhom, l-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrent u jordna lis-socjeta intimata li titrasferixxi bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut, tal-bicca art fabrikabbli f'Hal Qormi tal-kejl ta' madwar 175 metri kwadri li tmiss mill-Grigal u mill-Majjistral ma' proprjeta tal-Gvern u mix-Xlokk ma' proprjeta' ta' Emmanuel Vella and Sons u dan fil-valur ta' Euro 110,062.90 (mija u ghaxart elef u tnejn u sittin euro u disghin centezmu) ekwivalenti ghall-Lm47,250.00 oltre l-imghax legali. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-3 ta' Frar, 2010 fis-1.30pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Michael Camilleri LL.D. biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharrf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------